FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2002**

**Numru 34**

**Avviz numru 1322/02JR**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Marco Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm1001.13), u fejn intqal:**

**Illi fi-23 ta' Frar, 1999, inhargu diversi kambjalijiet minn Marco Cassar favur Antoine Auto Dealer ghall-ammont ta' sebgha u sebghin lira**

**Maltija u centezmu (Lm77.01) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' sittin xahar. Il-konvenut naqas li jhallas tlettax-il kambjala ta' sebgha u sebghin lira Maltija u centezmu (Lm77.01) kull wahda li mmaturaw fit-23 ta' kull xahar f'Mejju, 2000, bejn Jannar u April, 2001, u bejn Settembru 2001 sa April 2002. Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' elf u lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm1001.13) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Malcolm Pace ghad-ditta attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Jirrizulta li l-kambjalijiet kull wahda fl-ammont ta' sebgha u sebghin lira Maltija u centezmu (Lm77.01) skadew fil:**

**23 ta' Mejju, 2000; 23 ta' Jannar, 2001, 23 ta' Frar, 2001; 23 ta' Marzu, 2001; 23 ta' April, 2001; 23 ta' Settembru, 2001; 23 ta' Ottubru, 2001; 23 ta' Novembru, 2001; 23 ta' Dicembru, 2001; 23 ta' Jannar, 2002; 23 ta' Frar, 2002; 23 ta' Marzu, 2002 u 23 ta' April, 2002.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta' elf u lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm1001.13), bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**